**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A. MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JURIS (EU LAW)**
**MAGISTRAT**

Illum 13 ta' Marzu 2002.
Il-Pulizija
vs
Franco Piccinino.

II-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Franco Piccinino, bin Richard u Bice nee Gatt, imwieled Fgura u residenti 15, Triq is-Sibbien, M'Scala, detentur ta' karta ta' identita numru 672662(M), akkuzat talli:

1. kiser il-paci pubblika u l-mistrieh tan-nies b'ghajjat u storbju;
2. ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq martu Rose Mary, skond ma ccertifika Dr Micallef ta' S.L.H;

3. ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura ta' l-istess martu Rose Mary Baldacchino;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jinsab eskluz b'mod assolut li l-griehi li soffriet l-kwerelanta kienu ta' natura gravi. Fill-fatt jirrizulta wisq car li dawn kienu ta' natura hafifa u ghalhekk, u ai termini ta’ l-Artikolu 221 tal-Kap 9, prosegwibbli bil-kwerela tal-parti. Fil-kaz in disamina hemm il-mahfra tal-kwerelanta. Kwindi l-Qorti ser tiddikjara procediment esawrit fil-konfront din l-akkuza u ser tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.

Illi fir-rigwad l-akkuza tal-ksur tal-paci pubblika, offiza kontravenzjonali a bazi ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9, il-kwerelanta stqarret li waqt l-incident ma kien hemm hadd fit-triq u t-tifel kien baqa’ rieqed fuq is-‘seat’ ta' wara tal-vettura. Apparti li dan semmai juri l-portata xejn gravi tal-akkazut, li ghandha rifless fuq it-tielet u l-ahhar akkuza, huwa palesi li din l-offiza ma tissusistix stante li nieqes l-element ta' biza jew apprenzjoni f’terzi jew xi proprjeta` taghhom.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza stranament l-imputat jinsab akkuzat li ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura ta' martu li mkien mhu kontemplat bhala reat. Ovvjament l-akkuza riedet tikkomprendi d-dannu allegatament ikkagunat mill-imputat lill-vettura permezz tad-daqqa tas-sieq.

Pero` anki din l-akkuza ma tistax tigi akkotta billi ma ġiex pruvat li verament l-imputat fajjar daqqa ta' sieq fuq il-vettura. Apparti l-konsiderazzjoni li t-tifel rieqed kien u rieqed baqa’ hemm biss il-verzjoni ta’ l-imputata minn naha u dik ta’ l-imputat minn naha l-ohra liema verzjoni tal-mara ma ssibx konfort li tigi emnuta aktar minn dik ta’ l-imputat tenut kont ic-cirkostanzi.

Għalhekk tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati ta' l-akkuzi kontrih dedotti u tilliberah.

A.M. Trigona,
Magistrat.

Nahlef li ttraskrivejt fedelment u onestament r-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja,
Deputat Registratur.